KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 32

It-tnejn u tletin laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 6 ta' Novembru 2014 fis-6.28pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUŻATI** | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera (kontinwazzjoni mis-seduta 31)*
2. *Aġġornament*

## 1 SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA (KONT. MIS-SEDUTA 31)

*Talbiet għall-permessi minn stabbilimenti*

1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq talba għal 'shelves and stools' minn stabbiliment fi Qui si Sana Seafront (in-naħa ta' Triq Locker). Il-

Kunsill ma qabilx ma din it-talba minħabba li m'hemmx wesgħa bizzejjed fuq il-bankina u ma tibqax aċċessibbli għal *wheelchairs* u *pushchairs.*

1.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq talba oħra minn stabbiliment fi Triq Bisazza għal 'two round tables and stools' in-naħa tal-Plaza. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba biex ikun jista jitħala l-passaġġ aċċessibbli meta it-triq tkun miftuħa apparti l-fatt li diġa hemm fejn wieħed ipoġġi.

1.3 Talba minn San Girgor biex titwessa l-bankina għal quddiem il-kazin u ssir bil-madum. *Talba minn San Girgor*

*Il-Kunsillier J. Pillow daħal għas-seduta fit-18.46*

1.4 Il-Kunsill qabel ma' din it-talba b'dawn il-kundizzjonijiet:

1. li ma jintilifx parkeġġ.
2. li jkun hemm *turning circle* li ma taffettwax il-vetturi speċjalment il-kbar bħal *mini vans* eċċ.
3. li ssir katusa minħabba l-ilma tax-xita.

Il-Kunsill għandu jikteb lit-Transport Malta b' dawn ir-rakkomandazzjonjiet u jibgħat il-pjanta li pprezentaw San Girgor.

1.5 Tressqet talba oħra minn Da Vinci Wine Bar fi Triq it-Torri sabiex titwessa' l-bankina biex jitpoġġew siġġijiet. Il-Kunsilliera prezenti (minbarra l-Kunsilliera V. Galea Pace) ma qablux ma din it-talba minħabba li se jkun qiegħed jintilef parkeġġ u jinghata precedent ghal talbiet ohra min negozji fil-vicin. *Talba sabiex titwessa' l-bankina*

1.6 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-M Quip għandhom ibiddlu il-bandli f'Novembru 2014 biex izommu mal-*ispecifica*tions tal-kuntratt. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li dawn talbu jekk jistgħux jitħallsu tat-tapit la darba m'hemmx kwistjoni fuqu. Kien hemm qbil li t-tapit għandu jitħallas li se jiġi jiswa madwar Ewro 11,000 u l-kumplament jitħallas mal-*final certification.* *Bandli – Gnien Indipendenza*

1.7 Il-Kunsillier J. Pillow tkellem dwar il-bandla li hemm ta' ħdejn tad-*disabled* minħabba li din qegħda tiċċaqqlaq wisq u qegħda perikoluza. Il-Kunsill għandu jiċċekkja. Ġie nnotat li qegħdin imorru adulti mal-bandli biex jagħmlu *training* mal-bandli. Reġa ġie diskuss li hemm bzonn li jsir *outdoor gym* fl-area. Is-Sindku fakkar li din kienet diġa ġiet diskussa f'laqgħa tal-Kunsill li din l- *Bandla biex tiġi ċċekjata*

idea ta' *outdoor gym* tkun parti mill-proġett propost u kellu jiltaqa l-bord għall-aktar ideat.

1.8 Dwar l-attivita tal-Milied il-Kunsill ġie infurmat li *Sliema Business Community* talbu li l-Kunsill jorganizza attivitajiet tal-Milied filwaqt li huma jieħdu ħsieb it-tizjin. Il-Kunsill ġie mitlub biex jieħu ħsieb u jkun hemm *ice-skating rink* li din tiswa madwar Ewro 8,000. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li din tmur kontra l-proċeduri tal-Kunsill għaliex ser tkun qed tammonta ghall-sussidju ghall-attivita privata, peress illi l-*ice-skating rink* ser ikun bil-hlas ghall-publiku. Il-Kunsill qabel li ma jiġux involuti fl-*ice-skating rink* jekk il-proposta ta' finanzjament tkun wahda irregolari. *Attivitajiet tal-Milied*

1.9 Il-Kunsill ġie infurmat li se jkun qiegħed japplika għal ħames meters temporanji għad-dawl għal zmien il-Milied li kull applikazzjoni tiswa madwar Ewro 120 f'xahar. Ikun hemm bzonn ukoll li jkollhom *earth electrode* li tiswa Ewro 100 ghal kull waħda. Kien hemm qbil dwar dan.

1.10 Il-Kunsill qabel li għandu jorganizza attivitajiet u tizjin iehor tal-Milied fosthom parteċipazzjoni tal-baned, orkestra u affarijiet simili. Il-Kunsill qabel ukoll li n-nefqa ma taqbizx Ewro 15000.

1.11 Kien hemm qbil ukoll li għal ċertu ġranet ta' zmien il-Milied nordnaw servizz ta' pulizija kif kien sar is-sena ta' qabel.

*Il-Vici Sindku ġie skuzat li jitlaq mis-seduta 20.03*

1.12 Il-Kunsillier M. Brigulio informa li s-sena d-dieħla Julian Manduca se jagħlaq għaxar snin mejjet. Il-Kunsillier M. Briguglio fakkar li l-Kunsill kien qabel li nsaqqsu biex jittbidel l-isem ta' Triq Our Saviour għal Julian Manduca. Kien hemm qbil li jinbeda l-proċess u l-Kunsill jibgħat lir-residenti. *Tibdil ta' isem ta' Triq*

1.13 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għal proġett 'Townsquare' u informa li skont studju uffiċċjali mill-MEPA dan se jkun qiegħed joħloq *traffic jam* enormi u ħafna aktar inkonvenjenzi. Il-Kunsillier M. Briguglio talab li l-Kunsill għandu jkun *registered objector* u informa li l-pjanti huma miftuħa għal konsultazzjoni. Is-Sindku informa li l-izviluppatur talab jekk jistax jiġi jkellem lill-Kunsill sabiex ikun jista jispjega l-proġett . *Sliema Tower – 33 Floors*

1.14 Il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja mal-MEPA d-*deadline* tal-konsultazzjoni u li wieħed jista joġġezzjona, sadanittant jilqa t-talba tal-izviluppatur biex jiġi jispjega lill-Kunsill kemm jista jkun

malajr. Ġie deċiz ukoll li l-Kunsill m'għandux jitlef iċ-ċans li joġġezzjona sakemm jiltaqa mal-izviluppatur.

1.15 Il-Kunsillier P. Radmilli informa li l-ġbir tal-iskart qiegħed isir qabel is-7pm. Is-Segretarju Ezekuttiv iċċekkja mal-kuntrattur u qal li fi Triq Rudolph qed isiru zewg gabriet, wahda qabel is-7pm u ohra wara. *Gbir ta' skart*

1.16 Ġie nnotat li ma tantx qiegħed ikun hemm attendenza tal-laqgħat li qegħdin jiġu organizzati lir-residenti. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li jkun tajjeb li kieku l-Kunsill jibda jinkludi lid-Day Centre meta jiġi biex javza għal xi attivita jew *talk*. Kien hemm qbil dwar dan. *Talks fil-Kunsill*

1.17 Il-Kunsilliera V. Galea Pace infurmat li ila tavza ħafna li hemm ħofra kbira fi Triq Manwel Dimech ma Triq Santa Marija. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li din kienet problema biex issir minħabba t-traffiku li se jinqala, peress li l-Kunsill ikun irid jagħlaq zewġ toroq prinċipali. Kien hemm qbil li din għandha ssir bil-lejl u r-residenti jiġu avzati permezz ta' ittra. *Ħofra – Manwel Dimech ma Triq Santa Marija*

1.18 Il-Kunsilliera V. Galea Pace fakkret dwar l-abbozz ta' Tony Nichol. Proponiet li dan għandu jsir fi Pjazza Sant'Anna n-naħa fejn hemm il-*loading/unloading* u li jsir fuq plint jew ġebla u jiġi magħluq permezz ta' ħadid. Il-Kunsill qabel fuq il-post. Il-Kunsill qabel li għandu jqabbad perit għal dizinn kif jista jiġi. Il-Kunsillier J. Pillow saqsa min se jħallas għal dan l-abbozz. Il-Kunsill għad irid jiddiskuti dwar il-ħlas. *l-abbozz – Tony Nichol*

1.19 Il-Kunsilliera M. Aquilina ressqet talba li kellha minn diversi residenti li jattendu għal kors tal-*beeding* għaliex jixtiequ li jattendu għat-tieni kors kif kien isir fis-snin ta' qabel. Ma setgħetx tingħata l-ebda risposta għalissa minħabba li dawn jiġu diskussi f'kumitat tal-edukazzjoni u wara approvati fil-*budget*. *Kors tal-beeding*

1.20 Il-Kunsilliera M. Aquilina talbet li għandu jsir Sqaq Carmel minħabba li jinsab imfarrak. Il-Kunsill approva li għalissa għandhom jitranġaw il-partijiet perikoluzi u aktar tard is-sena d-dieħla isir kollu. *Sqaq Carmel*

1.21 Il-Kunsill qabel li għandu jitpoġġa 'piggie bank' għal Istrina bħal fi Triq Bisazza għal zmien il-Milied. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li għandu jkun hemm tip ta' security minħabba l-flus. Kien hemm qbil dwar dan.

1.22 Il-Kunsillier P Radmilli propona li ssir attivita bħala inċentiv għal skart (kompost). Il-Kunsill qabel li għandu jġib kwotazzjoni għal bin ta' 200 litre. Għal din l-attivita l-Kunsill jista jagħmel *backdrop/banner* u jista jagħti pjanta lil min ikun ipparteċipa. *Skart riċiklat - kompost*

1.23 Il-Kunsilliera V. Galea Pace talbet li jitwaħħlu bins fi Triq Sant'Antnin (in-naħa ta' fuq) u ieħor Sqaq Bisazza c/w St Anthony. *Bins*

**2. AGGORNAMENT**

2.1 Is-seduta ntemmet fid-21.09. Seduta oħra għandha ssir nhar il-Ħamis 27 ta' Novembru 2014 fis-6pm

Minuti approvati llum 27/11/2014

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**